ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2024**

**IT-TMIEN SENA IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) IL-ĦIN: 15-il minuta**

## Il-Karta tal-Għalliema

**(din il-karta m'għandhiex tingħata lill-istudenti)**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ f'każ li jintuża dan l-iskritt**

1. L-għalliema tal-Malti li se jmexxu l-eżami tas-smigħ jgħidu lill-istudenti: ***"Il-ħin għall-eżami tal-kitba għadda. Ser ngħaddu issa għall-eżami tal-fehim mis-smigħ. Jekk jogħġobkom sibu paġna 11 tal-karta tal-eżami."***

2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti kollha sabu l-paġna mitluba, jgħidulhom: ***"Għandkom ftit ħin biex taraw l-eżerċizzji kollha li tridu taħdmu."***

3. Wara 3 minuti l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se tisimgħu s-silta kollha għall-ewwel darba. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu twieġbu l-mistoqsijiet u tieħdu xi noti li jistgħu jgħinukom. Is-silta ser terġgħu tisimgħuha darb'oħra aktar tard."*** L-għalliema jaqraw is-silta kollha b'ritmu meqjus.

4. Wara li tinqara s-silta, l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa għandkom ftit ħin biex taħdmu l-eżerċizzji fuq is-silta li smajtu."***

5. Wara 3 minuti l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se tisimgħu s-silta għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu tkomplu twieġbu l-mistoqsijiet."*** L-għalliema jaqraw is-silta kollha b'ritmu meqjus.

6. Kif l-għalliema jtemmu l-qari tas-silta kollha jagħtu 3 minuti lill-istudenti biex jaħdmu t-taħriġ u kif jgħaddi l-ħin jgħidu: ***"Issa baqgħalkom ftit ħin biex tlestu u tirrevedu l-eżerċizzji kollha tal-eżami tal-fehim mis-smigħ. Grazzi."***

**Is-Silta għall-Fehim mis-Smigħ: L-Unjoni Ewropea – Sfond Storiku**

Fis-seklu għoxrin id-dinja għaddiet minn żewġ gwerer kbar: l-Ewwel Gwerra Dinjija li ġrat bejn l-1914 u l-1918, u t-Tieni Gwerra Dinjija li seħħet bejn l-1939 u l-1945. F'dawn il-gwerer l-Ewropa kien l-iktar kontinent li ntlaqat ħażin. Bliet sħaħ tfarrku, binjiet storiċi ġġarrfu, ħafna nies sfaw feruti u oħrajn mietu, u bosta familji ħarbu minn pajjiżhom sabiex ifittxu l-paċi.

Fl-1950, ftit wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-Ministru Franċiż għall-Affarijiet Barranin, Robert Schuman, ħareġ bl-idea li xi pajjiżi jingħaqdu u jaħdmu flimkien ħalli fl-Ewropa qatt aktar ma jkun hemm il-gwerer. Franza u l-Ġermanja kienu l-iktar pajjżi li jipproduċu faħam u l-azzar; żewġ materjali importanti ħafna għax bihom kienu jitħaddmu l-magni u jagħmlu l-armamenti tal-gwerra. Fl-1957, dawn iż-żewġ pajjiżi kbar ftiehmu mal-Italja, il-Belġju, l-Olanda u l-Lussemburgu biex ma jżommux taxxi lil xulxin meta jbigħu u jixtru l-faħam u l-azzar ħalli b'hekk ħadd minn dawn il-pajjiżi ma jkun aktar b'saħħtu biex jibda gwerra. B'hekk l-Ewropa setgħet tkun kontinent ta' paċi u l-ekonomija fl-Ewropa bdiet tikber b'ritmu mgħaġġel.

Din l-għaqda ta' sitt pajjiżi ntgħoġbot u aktar pajjiżi bdew jingħaqdu f'Unjoni li llum nafuha bħala l-Unjoni Ewropea. Illum, l-Unjoni Ewropea hi magħmula minn 27 Stat Membru u ċ-ċittadini tagħhom jgħoddu madwar 445 miljun. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma differenti ħafna minn xulxin f'diversi aspetti: fil-popolazzjoni, il-kultura, il-lingwa, l-istorja, it-tradizzjonijiet, u karatterisitċi oħra. Minkejja dan, l-Istati Membri ftiehmu fuq affarijiet komuni biex kull pajjiż ikollu l-istess opportunitajiet u jimxi 'l quddiem.

L-iktar simbolu magħruf tal-Unjoni Ewropea huwa l-bandiera li tikkonsisti fi 12-il stilla safra f'forma ta' ċirku fuq sfond ikħal. L-Unjoni Ewropea għandha wkoll l-innu tagħha - Ode to Joy - meħud mis-Sinfonija numru 9 tal-kompożitur Ludvig van Beethoven. Dan fih mużika biss u jirrappreżenta l-valuri tal-Unjoni Ewropea: il-libertà, il-paċi u s-solidarjetà. Il-motto ta' din l-Unjoni hu *Magħqudin fid-Diversità* u beda jintuża fis-sena 2000. L-ewro hija l-munita uffiċjali għal 19 minn 27 Stat Membru. Iżjed minn hekk, fid-9 ta' Mejju niċċelebraw Jum l-Ewropa sabiex jiġu mfakkra l-paċi u l-għaqda fi ħdan l-Ewropa.

(Silta addattata mill-ktieb *Mas-Siġra tal-Ballut*)

**TMIEM IL-KARTA**